MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2009

Citazzjoni Numru. 38/2007

Joseph Bonnici

vs

Raymond Azzopardi;

RoseMarie mart Lawrence Cauchi;

u b’nota tal-5 ta’ Settembru, 2007
u b’degriet tat-23 ta’ Ottubru 2007,
Michaelina armla ta’ Giusepp Azzopardi
Giet nominata bħala kuratur Deputat sabiex
Tidher għall-imsefrin Frankie Azzopardi
U Georgine Azzopardi;

Carmel Apap;

u b’nota tal-5 ta’ Settembru, 2007
u b’degriet tat-23 ta’ Ottubru 2007,
Noel Mizzi ġie nominat kuratur Deputat

Sabiex jidher għall-imsefrin
Antoinette Broutzas u John Spiteri;

Raymond Azzopardi;

u b'nota tal-5 ta' Settembru, 2007
u b'degriet tat-23 ta' Ottubru 2007,
Carmelo Apap ġie nominat kuratur Deputat
Sabiex jidher għall-imsefrin
Sam Apap, Phyllis Portelli
Josephine Doris Vella,
Carmen Attard, Patrick Apap;

u b'nota tal-5 ta' Settembru, 2007
u b'degriet tat-23 ta' Ottubru 2007,
l-avukat Dottor Chris Said ġie nominat
kuratur Deputat sabiex jidher għall-
imsiefra Elizabeth mart Francesco
Saverio Bugeja;

u b'nota tal-5 ta' Settembru, 2007
u b'degriet tat-23 ta' Ottubru 2007,
L-avukat Dottor Chris Said ġie nominat
Kuratur Deputat sabiex jidher għall-
Imsefrin Josephine mart Saverio Vella,
Poala mart Paolo Vella;

u b'nota tal-5 ta' Settembru, 2007
u b'degriet tat-23 ta' Ottubru 2007,
L-avukat Dottor Chris Said ġie nominat
Kuratur Deputat sabiex jidher għall-
Imsiefer Felic Azzopardi;

u b'nota tal-5 ta' Settembru, 2007
u b'degriet tat-23 ta' Ottubru 2007,
Doris Spiteri ġiet nominata Kuratur
Deputat sabiex tidher għall-wirt
Ta' Angiolina mart Alfred Cremona;

u b'nota tal-5 ta' Settembru, 2007
u b'degriet tat-23 ta' Ottubru 2007,
Giovanna spiteri ġiet nominata

Kuratur Deputat sabiex tidher għall-
Imsiefra Margaret Portelli;

u b’nota tal-5 ta’ Settembru, 2007
u b’degriet tat-23 ta’ Ottubru 2007,
L-avukat Dottor Chris Said ġie nominat
Kuratur Deputat sabiex jidher għall-
Imsiefra Carmela Xerri;

Giovanna Spiteri;

Josephine Mizzi;

Felicia Attard;

Eddie Mercieca;

Rose Saliba;

Marie Zammit;

Chalane sive Michel Buttigieg;

Vivienne Catania mart Alexander;

John Buttigieg;

Phyllis mart Angelo Bajada;

Agnes mart Francis Buttigieg;

Margaret mart Anthony Mizzi;

Mary Anne mart Carmel Camilleri;

Josephine mart Francis Mizzi;

Felicia Apap (xebba)

Joseph Apap;

Anthony Apap;

Mary Rose mart Anthony Farrugia;
Carmen mart Anthony Sciberras,

Helen mart Bernard Bugeja;

Mary Jane mart Toni Bajada;

Maria mart John Gauci;

Maria mart Carmelo Calleja;

Angiolina mart John Mary Borg;

Maria Assunta mart Julius Vassallo;

u b'nota tal-5 ta' Settembru, 2007
u b'degriet tat-23 ta' Ottubru 2007,
Maria Gauci giet nominata Kuratur
Deputat sabiex jidhru għall-imsefrin
Felix Curmi u Anthony Curmi;

Pawlu Curmi;

Pauline mart Paul Azzopardi;

Joseph Curmi;

Dorianne Sultana;

Sister Maria Dolora Fis-seklu Francesca;

Margaret mart George Spiteri;

Maria mart Anthony Cremona.

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors ġuramentat ta' Joseph Bonnici li permezz tiegħu, wara li ppremetta illi:

Illi Franġisk Apap bin il-mejtin Giuseppe u Giovanna Rosa nee' Zammit, u martju Giuseppa Apap bint il-mejtin Felic

Galea u Mary nee’ Vella, mietu rispettivament fit-tnejn u għoxrin (22) ta’ April elf disa’ mija ħamsa u ħamsin (1955) u fit-tnejn u għoxrin (22) ta’ Diċembru elf disa’ mija u sebgħin (1970);

Illi l-konjuġi Apap mietu improle, iżda rregolaw is-suċċessjoni tagħhom permezz ta’ testment ‘unica charta’ ta’ l-ewwel (1) ta’ Diċembru elf disa’ mija u erbgħa u ħamsin (1954) fl-atti tan-Nutar Giuseppi Grech, fejn ħallew lil xulxin użufrtuttwarji ġenerali ta’ xulxin u imbagħad Frangisk Apap innomina bħala eredi universali tiegħu lil ħuh Felic Apap fil-kwota ta’ nofs u lit-tfal ta’ oħtu Rosina Azzopardi fil-kwota tan-nofs l-ieħor, mentri Giuseppa Apap innominat bħala eredi universali tagħha liż-żewġ ħutha subien Giusepp Galea u Emmanuel Galea;

Illi mal-mewt ta’ Rosina Azzopardi wirtuha uliedha Ludovigo, Francesco, Giusepp u Grazia Mizzi. Wara l-mewt ta’ Giusepp, is-sehem tiegħu wirtuh it-tliet uliedu Frankie, Raymond u Georgina, mentri mal-mewt ta’ Grazia Mizzi wirtuha ż-żewġ uliedha Rosina Spiteri u Charlie Mizzi. Iżda peress illi dan ta’ l-aħħar miet ġuvni w improle u Rosina Spiteri wkoll mietet, illum sehem Grazia Mizzi intiret miż-żewġ ulied ta’ Rosina Spiteri, ċioe’ Antoinette Broutzas u John Spiteri;

Illi jirriżulta wkoll illi Feliċ Apap miet u wirtuh id-disa’ uliedu Salvu, Nikola, Carmelo, Giusepp, Ganna Rosa Azzopardi, Rita Curmi, Clementa Bonnici, Rosina Mercieca u Maria Buttigieg;

Illi mal-mewt ta’ Giusepp Apap fil-ħamsa u għoxrin (25) ta’ Jannar elf disa’ mija ħamsa u sebgħin (1975) sehmu wirtuh id-disa’ uliedu Agnes Buttigieg, Margaret Mizzi, Josephine Mizzi, Carmen Sciberras, Mary Anne Camilleri, Felicia Apap, Anthony, Rose Farrugia u Joseph ilkoll aħwa Apap;

Illi meta mietet Ganna Rosa Azzopardi fit-tlieta (3) ta’ Diċembru elf disa’ mija tlieta u tmenin (1983) wirtuha uliedha Josephine Vella, Carmela Xerri, Paola Vella, Elizabeth Bugeja, Helen Bugeja, Mary Jane Bajada, Maria

Calleja, Angolina Borg, Felic, u Maria Assunta Vassallo ilkoll aħwa Azzopardi;
Illi Rita Curmi mietet fit-tlieta (3) ta' Jannar elf disa' mija tnejn u disgħin (1992) u wirtuha uliedha Maria Gauci, Felic, Anthony, Pawlu, Pauline Azzopardi, Carmelo, ilkoll aħwa Curmi;

Illi Clementa Bonnici mietet fit-tnejn (2) ta' Frar elf disa' mija ħamsa u disgħin (1995) u wirtuha uliedha Frances, Joyce Spiteri, Philip, Joseph, Doris Calleja, Felicia Sultana u Carmela Muscat, ilkoll aħwa Bonnici;

Illi Nicholas Apap miet fil-wieħed u tletin (31) ta' Jannar elfejn u wieħed (2001) u ġie sopravvissut mill-erba' uliedu Phyllis mart Joseph Portelli, Carmen mart John Attard, Josephine Doris mart Victor Vella u Victor, ilkoll aħwa Apap;

Illi Maria Buttigieg mietet fis-sittax (16) ta' Marzu elfejn u erbgħa (2004), u hija rregolat is-suċċessjoni tagħha b'żewġ testmenti fl-atti tan-Nutar Paul George Pisani, wieħed tas-sitta (6) ta' Diċembru elf disa' mija u disgħin (1990) u l-ieħor tas-sittax (16) ta' Ottubru elf disa' mija u tlieta u disgħin (1993), li bis-saħħa tagħhom innominat lit-tlett uliedha Victoria sive Vivienne mart Alexander Catania, John, u Phyllis mart Angelo Bajada, aħwa Buttigieg.

Illi Rosina Mercieca mietet ukoll u lilha wirtuha uliedha Giovanna Spiteri, Josephine Mizzi, Felice Attard, Eddie Mercieca, Rose Saliba, Margaret Portelli, u bint bintha Jennifer Zammit, li jisimha Marie Zammit.

Illi Carmelo Curi miet ukoll u lilu wirtuh uliedu Joseph, u Dorianne Sultana.

Illi, kif ingħad permezz tat-testment unica charta li hija għamlet fl-atti tan-Nutar Giuseppe Grech ta' l-ewwel (1) ta' Diċembru elf disa' mija u erbgħa u ħamsin (1954) hija nnominat bħala eredi universali tagħha liż-żewġ ħutha subien Giusepp Galea u Emanuel Galea;

Illi Emanuele Galea ppremora lill-imsemmija Giuseppa Apap u miet fl-Awstralja fit-tlettax (13) ta' Diċembru elf disa' mija u tmienja u sittin (1968). Konsegwentement, sehmu mill-wirt ta' Giuseppa Apap intiret mis-seba' uliedu imsefrin Mary mart Mario Pagotto, Elizabeth mart Neville Leslie Higgins, Walter William, June-Rose mart Glen Sharpe, Joyce Therese mart Trevor James Gillespie, Carmel-Leonora mart Raymond Thomas Mitchell, u Garry-Neil, aħwa Galea.

Illi Giusepp Galea miet f'Marzu elf disa' mija wieħed u tmenin (1981) u wirtuh uliedu kollha Giovanna Xuereb, Emanuel, Sister Maria Dolores, Margaret Spiteri, Felicita, Carmela Attard, Maria Cremona u Angolina Cremona. Pero' Felicita Galea mietet xebba, improle u intestata u allura sehemha akkrexxa fuq ħutha l-oħra kollha, mentri Angolina Cremona ukoll mietet fl-Awstralja fl-ewwel ta' Marzu elf disa' mija tlieta u disgħin (1993) u l-atturi ma jafux preċiżament min huma l-eredi tagħha u allura ntalbet il-ħatra ta' kuratur sabiex jirrappreżenta lill-eredi inċerti tagħha f'din il-kawża;

Illi fost il-proprjetajiet li m'humiex diviżi bejn il-partijiet hemm il-proprjetajiet segwenti:

Porzjon art bil-kejl ta' madwar seba' mija u sitta u disgħin metri kwadri (796 m.k) fejn it-Tporri fi Triq l-Għarb, Għasri, Ghawdex;

Porzjon art bil-kejl ta' ċirka sitt mija u tmenin metri kwadri (680m.k.) fejn it-Torri fi Triq l-Għarb, Għasri, Għawdex;

Porzjon art bil-kejl ta' ċirka sitt mija u ħamsa u tmenin metri kwadri (685m.k.) fi Triq l-Għasri, Għawdex;

Porzjon art bil-kejl ta' ċirka elf seba' mija u sitta u tmenin metri kwadri (1786m.k.) magħrufa bħala tal-Ħajt, sive Ta' Dun Luqa, fil-limiti ta' Sannat, Għawdex;

Porzjon art bil-kejl ta' ċirka mija u għaxra metri kwadri (110m.k.) fi Triq Santa Marija, Sannat, Għawdex;

Porzjon art bil-kejl ta’ ċirka tlett mija u sitta u erbgħin metri kwadri (346m.k.) fi Triq Seguna, Sannat, Għawdex;

Porzjon art bil-kejl ta’ ċirka disgħa u sittin metri kwadri (69m.k.) bejn Triq ta’ Ċenċ u Triq Dun Xand Aquilina, Sannat, Għawdex;

Porzjon art bil-kejl ta’ ċirka elf erba’ mija u sebgħa u sebgħin metri kwadri (1477m.k.) fl-inħawi magħrufa bħala ta’ Taħt il-Belt, Għajnsielem, Għawdex.

Illi l-attur ma jridx jibqa’ aktar fi stat ta’ komunjoni flimkien mal-konvenuti tal-beni provenjenti lilhom mill-wirt u suċċessjoni hawn fuq imsemmija, u lill-esponenti jirriżultalu illi l-assi in diviżjoni m’humiex komodament diviżibbli bejn il-kontendenti.

Talab lill-konvenuti jgħidu għaliex m’għandhiex din il-Qorti:

1. Jiddikjara illi s-suċċessjoni ta’ Francesco Apap bin il-mejtin Giuseppe u Giovanna Rosa nee’ Zammit illi miet fit-tnejn u għoxrin (22) ta’ April elf disa’ mija ħamsa u ħamsin (1955) ġiet aperta favur il-kontendenti jew min minnhom fil-kwoti illi jistgħu talvolta jirriżultaw waqt it-trattazzjoni ta’ dina l-kawża;

2. Jiddikjara illi s-suċċessjoni ta’ Giuseppa Apap bint il-mejtin Felic Galea u Mary nee’ Vella, illi mietet fit-tnejn u għoxrin (22) ta’ Diċembru elf disa’ mija u sebgħin (1970) aperta favur il-kontendenti jew min minnhom fil-kwoti illi jistgħu talvolta jirriżultaw waqt it-trattazzjoni ta’ dina l-kawża;

3. Tillikwida l-beni ġia formanti l-komunjoni ta’ l-akkwisti tal-mejtin Francesco u Giuseppa Apap billi tiddikjara li jikkonsistu f’dawk il-beni u assi illi jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

4. Tiddividi din il-komunjoni ta’ l-akkwisti f’żewġ porzjonijiet ugwali li jiġu assenjati waħda kull wieħed lill-assi partikolari ta’ Francesco Apap u lill-assi partikolari ta’ Giuseppa Apap;

5. Jekk hemm xi beni parafernali ta' Francesco Apap li għad ma ġewx diviżi, tillikwida dawn il-beni u tiddikjara li dawn jikkonsistu b'dawk il-beni u assi li jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

6. Tiddividi l-istess beni skond il-kwoti stabbiliti u dan ad opera ta' perit jew periti li jiġu maħtura għal dan il-fini minn din l-Onorabbli Qorti.

7. Taħtar Nutar Pubbliku u tiffissa l-jum, ħin u lok għall-pubblikazzjoni ta' l-opportun att ta' diviżjoni ta' l-assi ereditarji hekk riżultanti bl-intervent ta' kuraturi nominandi sabiex jidhru għall-eventwali kontumaċi fuq l-istess att;

8. Fin-nuqqas, f'każ illi jirriżulta illi l-beni m'humiex komodament diviżibbli bejn il-kontendenti, tordna l-liċitazzjoni ta' l-istess beni sabiex ir-rikavat jiġi ripartit bejn il-kontendenti fi kwoti lilhom spettanti kif fuq ingħad.

Bl-ispejjeż kontra tagħhom u bl-inġunzjoni għas-subizzjoni.

L-intimati huma mħarrka għas-subizzjoni li għaliha minn issa qed jiġu nġunti.

Rat ir-Risposta ġuramentata tal-konvenut Dottor Chris Said fil-kwalita' tiegħhu ta' kuratur depuutat għall-imsiefrin Elizabeth mart Francesco Saverio Bugeja, Josephine mart Saverio Vella, Paola mart Paolo Vella, Felic Azzopardi u Carmela Xerri li eċċepixxa illi:

1. Illi l-eċċipjenti mhuwiex edott mill-fatti li taw lok għal din il-kawża u għaldaqstant jirriserva li jagħmel eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt in kontestazzjoni tat-talbiet attriċi wara li jiġi provdut lilu l-indirizz fl-esteru tal-konvenuti minnu rappreżentati u jirnexxielu jikkomunika magħhom u jsir jaf aħjar mingħandhom x'inhu l-kontestazzjoni o meno tagħhom;

2. Illi dwar id-diviżjoni li qed tintalab, għandha qabel xejn tiġi verifikata l-konsistenza tal-assi in diviżjoni kif ukoll il-kwoti rispettivi tal-partijiet mill-wirtijiet formanti l-meritu tar-Rikors;
3. Illi finalment l-eċċipjenti jirrimetti ruħu għall-ġudizzju ta' din il-Qorti fuq il-provi kollha li jiġu miġbura;

4. Illi l-ispejjeż tal-kuratur għandhom jiġu akkollati lill-atturi;

5. Salvi tweġibiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat ir-Risposta ġuramentata tal-konvenuti Raymond Azzopardi; RoseMarie mart Lawrence Cauchi; u b'degriet tat-23 ta' Ottubru 2007 Michelina armla ta' Giusepp Azzopardi ġiet nominata kuratur deputat sabiex tidher għall-imsefrin Frankie Azzopardi u Georgina Azzopardi; Carmel Apap; u b'degriet tat-23 ta' Ottubru f2007 Noel Mizzi ġie nominat kuratur deputat sabiex tidher għall-imsefrin Antoinette Broutzas u John Spiteri; Raymond Azzopardi; u b'degriet tat-23 ta' Ottubru 2007 Carmelo Apap ġie nominat kuratur sabiex jidher għall-imsefrin Sam Apap, Phyllis Portelli, Josephine Doris Vella, Carmen Attard, Patrick Apap; u b'degriet tat-23 ta' Ottubru 2007 Doris Spiteri ġiet nominata kuratur deputat sabiex tidher għall-wirt ta' Angiolina mart Alfred Cremona; u b'degriet tat-23 ta' Ottubru 2007 Giovanna Spiteri ġiet nominata kuratur deputat sabiex tidher għall-msiefra Margaret Portelli; Giovanna Spiteri; Josephine Mizzi; Felicia Attard; Eddie Mercieca; Rose Saliba; Marie Zammit; Chalane sive Michel Buttigieg; Vivienne Catania mart Alexander; John Buttigieg; Phyllis mart Angelo Bajada; Agnes mart Francis Buttigieg; Margaret mart Anthony Mizzi; Mary Anne mart Carmel Camilleri; Josephine mart Francis Mizzi; Felicia Apap (xebba); Joseph Apap; Anthony Apap; Mary Rose mart Anthony Farrugia; Carmen mart Anthony Sciberras; Helen mart Bernard Bugeja; Mary Jane mart Toni Bajada; Maria mart John Gauci; Maria mart Carmelo Calleja; Angiolina mart John Mary Borg; Maria Assunta mart Julius Vassallo; u b'degriet tat-23 ta' Ottubru 2007 Maria Gauci ġiet nominata kuratur Deputat sabiex tidher għall-imsefrin Felix Curmi u Anthony Curmi; Pawlu Curmi;

Pauline mart Paul Azzopardi; Joseph Curmi; Dorianne Sultana; Philip Bonnici; Carmela mart Ganni Attard; Emanuel Galea; Giovanna mart Carmelo Xuereb; Sister Mari Dolora fis-seklu Francesca; Margaret mart George Spiteri; Maria mart Anthony Cremona li eċċepew illi:

1. Illi din il-kawża saret inutilment, u biss bi skop ta' vessazzjoni u frivolosita', u dan għaliex proprju ftit jiem qabel illi fih ġiet intavolata din il-kawża, il-maġġoranza stragrande tal-kondividenti kienu ltaqgħu bejniethom fil-preżenza u fl-uffiċċju tal-avukat sottoskritt sabiex ir-raba formanti parti mill-ereditajiet oġġett ta' din il-kawża jinbiegħu bl-offerta lill-aħjar offerent. Din il-laqgħa kienet l-aħħar minn sensiela ta' attivita' intiża sabiex isseħħ din il-likwidazzjoni. Fl-istess laqgħa, infatti, intlaqgħu diversi offerti għall-bejgħ tal-artijiet formanti parti minn din l-eredita', u kien biss l-attur odjern illi attivament oppona l-proċeduri illi kienu qed isiru. Kienu anke ġew iffirmati konvenji għall-bejgħ ta' diversi porzjonijiet raba formanti parti mill-eredita'. U wara li ġew iffirmati dawn il-konvenji wħud mill-proposti kumpraturi kienu anke offrew lill-attur illi jċedulu l-art li kienu ser jixtru, fi sforz sabiex tiġi evitata din il-kawża. L-esponenti jissottomettu illi l-iskop ta' din il-kawża kien biss dak illi jistultifika dik il-proċedura u jżomm il-likwidazzjoni milli sseħħ. Għaldaqstant l-esponenti jissottomettu illi l-ispejjeż ta' din il-kawża għandhom jiġu akkollati interament lill-attur.

2. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, l-esponenti mhuwiex qed jopponu d-diviżjoni u likwidazzjoni mitluba mill-attur, salv illi jiġu verifikati l-kwoti spettanti lid-diversi kontendenti mill-artijiet de quo, u slav illi jiġu verifikati l-konsistenza tal-assi in diviżjoni. B'mod partikolari għandui jigi verifikat jekk bil-bini illi l-attur wettaq fuq raba attigwu għal raba partikolari formanti parti mill-wirt huwa okkupax illegalment xi parti mir-raba hekk formanti parti, u f'dan il-każ għandu jew ineħħki l-bini illi għamel, jew inkella jħallas kumpens ġust skond il-liġi.

3. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess il-konvenut Chalane sive Michele Buttigieg mhuwiex

leġittimu kuntradittur tal-attur għaliex ma għandiu ebda sehem mill-proprjeta' in diviżjoni.

4. Salvi risposti ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat il-verbal tagħha tat-18 ta' Novembru 2008 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' din il-kawża l-attur talab il-likwidazzjoni u diviżjoni tal-assi ereditarji tal-konjuġi Frangisk u Giuseppa Apap, li mietu improle imma b'testment in atti Nutar Giuseppe Grech ta' l-1 ta' Diċembru 1954, l-istess Frangisk Apap ħalla bħala werrieta tiegħu lil ħuh Felic fil-kwota ta' nofs u lit-tfal ta' oħtu Rosina Azzopardi fil-kwota tan-nofs l-ieħor, filwaqt illi martu nnominat bħal eredi tagħha liż-żewġ ħutha subien Giusepp Galea u Emmanuel Galea.

Dawn il-werrieta huma llum kollha mejtin, u daħlu minflokhom il-kontendenti fil-kwoti rispettivi ndikati fil-lista annessa ma' n-Nota tal-konvenuti tal-21 ta' April 2008.[1] Din il-lista qabel magħha wkoll l-attur.[2]

Jibqa' għalhekk sabiex jiġi stabilit x'inhuma l-beni in diviżjoni u kif dawn jistgħu jinqasmu.

Min-Noti li ġew skambjati bejn il-kontendenti jirriżulta illi hemm qbil illi :

L-assi formanti parti l-**komunjoni ta' l-akkwisti** ġia eżistenti bejn il-konjuġi **Frangisk u Giuseppa Apap,** kienu s-segwenti:

---

[1] a fol. 125 - 126 tal-process .
[2] ara l-aħħar paragrafu tan-Nota ta' l-attur tat-30 ta' Settembru 2008 a fol. 129 .

1. l-ispazju illi darba kien okkupat bil-mitħna, bil-maqjel u bil-kamra ta' fuqu (illum demoliti) formanti parti mill-fond bin-numri sebgha (7) u tmienja (8), ġia numru tlieta (3) Triq il-Kbira, Sannat, Għawdex;

2. l-art ta' Triq Seguna, Sannat ta' ċirka tliet siegħan jew kejl verjuri;
3. l-art 'tal-Ħajt' sive 'ta' Dun Luqa' limiti ta' Sannat, tal-kejl ta' 1786 metri kwadri.

L-**assi parafernali ta' Frangisk Apap** kienu s-segwenti:

1. erba' partijiet minn ħamsa (4/5) indiviżi ta' l-art fi Triq Santa Marija, Sannat;

2. l-art ta' fejn it-Torri, fit-Triq ta' l-Għarb, tkejjel 796 metri kwadri;

3. l-art ta' fejn it-Torri, fi Triq l-Għarb, tkejjel 680 metri kwadri;

4. l-art fi Triq l-Għasri, tkejjel 685 metri kwadri;

5. l-art fi Triq ta' Cenc, Sannat, tkejjel 98.3 metri kwadri;

6. l-art bejn Triq ta' Cenc u Triq Dun Xand Aquilina, Sannat, tkejjel 69 metri kwadri;

7. l-art 'ta' taħt il-Belt', Għajnsielem, tkejjel 1477 metri kwadri.

L-**assi parfernali ta' Giuseppa Apap** kienu jikkonsistu fis-segwenti:

1. il-fond bin-numri sebgħa (7) u tmienja (8) ġia numru tlieta (3) Triq il-Kbira, Sannat, ħlief għal dawk il-partijiet minnu hawn fuq indikati bħala formanti parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti;

2. kwint (1/5) indiviżi ta' l-art fi Triq Santa Maria, Sannat.

Permezz tal-verbal tal-kontendenti tat-18 ta' Novembru 2008 kien hemm qbil li ma hemmx għalfejn issir stima tal-beni in diviżjoni.

Minn dawn il-beni kollha għalhekk, il-werrieta ta' Frangisk Apap imisshom bejniethom skond is-sehem rispettiv tagħhhom: (i) nofs indiviż mill-beni formanti parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti ġia eżistenti bejn il-konjuġi Frangisk u Giuseppa Apap, flimkien ma' (ii) il-beni formanti parti mill-assi parafernali ta' l-istess Frangisk Apap.

Minn naħa l-oħra l-werrieta ta' Giuseppa Apap imisshom bejniethom skond is-sehem rispettiv tagħhom: (i) in-nofs indiviż l-ieħor mill-beni formanti parti mill-istess komunjoni ta' l-akkwisti, u (ii) il-beni formanti parti mill-assi parafernali ta' l-imsemmija Giuseppa Apap.

Huwa evidenti li dawn il-beni mhumiex komodament diviżibbli bejn daqstant kondividenti. Għaldaqstant m'għandu jibqa' ebda ostakolu sabiex tiġi deċiża din il-kawża fis-sens li tordna l-bejgħ in liċitazzjoni ta' l-istess fondi, sabiex imbagħad ir-rikavat jinqasam bejn il-kontendenti skond l-isħma rispettivi tagħhom, kif stabiliti fil-lista annessa man-Nota fuq imsemmija tal-konvenuti tal-21 ta' April 2008.

Għal dawn il-motivi tiddeċidi l-kawża billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara s-suċċessjoni ta' Francesco Apap, imsemmi fir-Rikors ġuramentat, aperta a favur ta' dawk mill-kontendenti elenkati fil-parti tal-lista annessa man-Nota tal-konvenuti tal-21 ta' April 2008 intestata "eredi ta' Francesco Apap" a folio 125 tal-proċess;

2. tilqa' t-tieni talba, u tiddikjara s-suċċessjoni ta' Giuseppa Apap, imsemmija fir-Rikors ġuramentat, aperta a favur ta' dawk mill-kontendenti elenkati fil-parti tal-lista annessa ma' l-istess nota intestata "eredi ta' Giuseppa Apap";

3. tilqa' t-tielet talba u tillikwda l-beni ġia formanti l-komunjoni ta' l-akkwisti tal-mejtin Francesco u Giuseppa konjuġi Apap, billi tiddikjara li jikkonsistu f'dawk il-beni elenkati hawn fuq bħala l-beni formanti parti l-komunjoni ta' l-akkwisti ta' l-istess konjuġi Apap;

4. tilqa' r-raba' talba;

5. tilqa' l-ħames talba u tidikjara li l-beni formanti parti l-assi parafernali ta' Francesco Apap jikkonsistu f'dawk il-beni elenkati hawn fuq taħt l-intestatura "Beni parafernali ta' Francesco Apap";

6. tiċħad is-sitt talba billi dawn il-beni mhux komodament diviżibbli bejn daqstant kondividenti;

7. tiċħad is-seba' talba billi mhux il-każ;

8. tilqa' t-tmien talba u tordna l-bejgħ in liċitazzjoni bl-ammissjoni ta' l-oblaturi estranei sabiex ir-rikavat jiġi spartit bejn il-kondividenti, kulħadd skond is-sehem rispettiv tiegħu, kif spjegat aħjar fil-korp tas-sentenza.

L-ispejjeż, billi din hija kawża għad-diviżjoni, għandhom jiġu ssoportati mill-kontendenti, kulħadd skond is-sehem rispettiv tiegħu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------